MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 177/2010

**A B**

**vs**

**Avukat Dr. Martin Fenech u l-Prokuuratur legali Mario Mifsud Bonnici li b'digriet tad-9 ta' Mejju 2011 gew nominati kuraturi deputati sabiex jidhru ghal C B nieqes minn Malta.**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attrici li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti żżewġu fir-Reġistru taż-Żwieg fit-28 ta' Jannar 2004 – Dok. B;
2. Illi ż-żwieġ tagħhom kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-

drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taż-żwieġ, barra li l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom ingħata bl-esklużżjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu , jew wieħed mill-elementi essenzjali taż-żwieġ u dan kif ikun ippruvat waqt is-smigħ tal-kawża;
3. Illi daż-żwieġ lanqas biss ġie kkunsmat;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex moghtija kull dikjarazzjoni u provediment mehtieg:

(a) tiddikjara null u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, iż-żwieġ bejn il-kontendenti
(b) tordna li din in-nullita` tkun reġistrata fuq l-att taż-żwieg relattiv.

Bl-ispejjeż kontra l-intimand imħarrek in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Illi l-konvenuti nomine ma ppreżentawx risposta ġuramentata u b'hekk huma kontumaċi f'din il-kawza;

Semgħet lix-xhieda li ġew prodotti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-proċediment;

Rat illi l-kawza tħalliet għas-sentenza għallum;

Ikkunsidrat:

Illi il-qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn l-attrici A Coubene u l-assenti C B datat it-28 ta' Jannar 2004 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(d) u (f) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

**Verzjoni attrici**

Ir-rikorrenti tghid li saret taf lill-intimat assenti madwar ħames xhur qabel ma gie kkontrattat iz-zwieg. Fix-xhieda taghha tghid li qabel iz-zwieg kien kellimha bi kliem sabih li gieghla temmen dak li kien qieghed jghid. Izda kollox

inbidel fiz-zwieg, tant li mill-bidu nett taz-zwieg hi u l-intimat assenti kienu jorqdu fi kmamar separati (u dan sa' mill-ewwel gurnata), tant li ssostni li z-zwieg qatt ma gie kkunsmat. Hi tghid ukoll li kien vjolenti maghha u kien aktar ma jahdimx milli jahdem. L-istess rikorrenti tghid li fil-ftit zmien li kien jahdem, il-flus kien izommhom ghalih. Issostni wkoll li dan kien zwieg ta' konvenjenza, tant li kien il-konvenut kien gab il-*freedom of movement* izda hi saret taf b'dan wara sena u tlett xhur. Ir-rikorrenti tghid ukoll li l-intimat assenti kellu wild mill-ewwel mara tieghu u zzid tghid li meta din l-ewwel mara kienet tmur ghandhom (fid-dar matrimonjali), l-intimat kien ikecci lir-rikorrenti 'l barra. Hi tghid ukoll li kien jippreferi l-hbieb milli lilha, tant li kellu relazzjoni ma' mara ohra sakemm imbaghad fis-29 ta' Awwissu 2009 telaq ghal kollox u qatt ma rega' gie lura.

Omm ir-rikorrenti, permezz tal-affidavit taghha, tghid li bintha kienet imsawtha mill-intimat u li dan tal-ahhar kien ikecciha mid-dar u li ma kienx jahtiha flus ghall-hajja. Hi tghid ukoll li kien hemm episodju fejn ir-rikorrenti marret ghand ommha ghal sena shiha filwaqt li l-intimat lanqas biss kien mar lura ghaliha.

**Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-intimat minhabba anomalija psikologika serja kien inkapaci illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga**

Il-qorti fl-ewwel lok tirrileva li jirrizulta car li dan kien zwieg ta' malajr, tant li l-partijiet kien ilhom flimkien biss hames xhur qabel ma zzewgu. Ir-rikorrenti emmnet dak kollu li qalilha l-intimat (ta' nazzjonalita' Tunezina) u ma gharfitx is-sinjali fis-sens li dan kien biss zwieg ta' konvenjenza. Il-qorti taghmel referenza ghall-fatt li l-intimat naqas milli jlaqqaghha mal-genituri tieghu kemm qabel u kif ukoll wara z-zwieg kif ukoll in-nuqqas da parti taghha li tiehu parir minghand xi hadd vicin taghha dwar pass importanti bhal dan u li kien qed isir b'tant ghaggla, liema fatti jkomplu jitfghu dawl fuq il-veru intenzjoni tal-intimat ghal

zwieg ta' konvenjenza u n-nuqqas ta' diskrezzjoni da parti tar-rikorrenti.

Il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi ippruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"***.***

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph** "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

In vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg kif ukoll il-fatt li r-rikorrenti ma rrealizzatx bl-intenzjoni tal-intimat u l-iskopijiet tieghu ghaz-zwieg meta gieghlha temmen li kienu ser jorqdu separatament sakemm jidraw lil xulxin (liema sitwazzjoni baqghet tippersisti sakemm finalment l-intimat sparixxa), il-qorti thoss li fil-mument propizju, l-attrici ma kellhiex id-*discretio judicii* sabiex verament taghti l-kunsens taghha.

**Dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'eskluzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, senjatament il-permanenza taz-zwieg**

L-attrici tghid li zewgha kien ikellimha kliem sabih qabel iz-zwieg u li kollox kien sew bejniethom (ghalkemm il-qorti tirrileva li lanqas dan ma kien il-kaz, kif diga' gie diskuss aktar 'il fuq) izda kollox inbidel maz-zwieg. Il-qorti taghmel referenza ghall-fatt li hekk mill-ewwel lejl, l-intimat irrifjuta li jorqod ma' martu bl-iskuza li jridu jidraw lil xulxin turi bic-car li l-intimat qatt ma kellu intenzjoni li jifforma familja ma' martu, tant li rrifjuta li jkollu relazzjonijiet intimi maghha.

L-attrici tghid ukoll li l-intimat qatt ma offra xi forma ta' sapport ghaliha u qatt ma taha sold. Il-qorti tirrileva li n-nuqqas ta' manteniment, in-nuqqas tieghu li jkun ta' sapport u ta' spalla ghal martu (kif wara kollox ghandha tkun ukoll il-mara ghar-ragel) u n-nuqqas li jkun prezenti f'kull sens tal-kelma f'hajjet martu juri kemm l-intimat qatt ma ried jifforma dik ir-rabta dejjiema maghha, ghaliex il-partijiet lanqas biss qatt ma raqdu fl-istess kamra u sahansitra z-zwieg baqa' qatt ma gie kkonsmat.

Mill-provi jidher car li l-intimat qatt ma kellu intenzjoni li verament ikun ragel ghall-attrici jew li ghall-anqas prova jissodisfa l-obbligi tieghu fiz-zwieg ghaliex mill-ewwel gurnata taz-zwieg taghhom, wera l-vera karattru tieghu u l-intenzjonijiet tieghu li juza lill-attrici ghal ragunijiet ta' konvenjenza u xejn aktar. F'dan l-istadju, din il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn gie ritenut li "***rigward x'inhuma l-***

***obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***”.

L-attrici tghid ukoll li l-intimat kellu relazzjonijiet adulteri ma’ mara ohra u taghti wkoll x’tifhem li kien idahhal lill-ewwel mara tieghu fid-dar matrimonjali u jkecciha ‘il barra biex bhal li kieku jkun wahdu minnha. Il-qorti tirrileva li l-attrici ma tghidx b’certezza li dan kien il-kaz pero’ din hija l-insinwazzjoni li taghmel. Irid jigi rilevat ukoll li anke l-fatt li lill-attrici kien ikecciha ‘l barra mid-dar u kien idahhal lill-ewwel mara tieghu fid-dar matrimonjali juri wkoll kemm l-intimat ma kellu ebda rispett lejn martu.

Il-qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta’ nullita’ taz-zwieg f’dan il-kuntest, l-attrici trid necessarjament tipprova li l-intimat ghamel simulazzjoni parzjali tal-kunsens tieghu ghal dak li jirrigwarda l-obbligu tal-fedelta’ jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg fosthom l-intimita’ ta’ bejniethom kif ukoll ghal dak li jirrigwarda z-zwieg innifsu li allura twassal ghal simulazzjoni. F’dan il-kuntest terga’ ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn gie ritenut li “***Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra***”. Ragel li sa’ mill-ewwel gurnata jirrifjuta lil martu u jibqa’ jorqod f’kamra separata jaghti prova tas-simulazzjoni u l-intenzjoni tal-intimat li jidhol ghal dan iz-zwieg biss ghal ragunijiet ta’ konvenjenza u xejn aktar.

Il-qorti tirrileva li fil-kawza odjerna, kienet l-attrici biss li ressqet il-provi taghha u dan *stante* li minkejja li l-intimat kien rapprezentat minn kuraturi deputati, l-ebda risposta

guramentata ma giet prezentata. Izda mill-provi migjuba, il-qorti hija moralment konvinta u dan sal-grad rikjest mill-ligi li l-kunsens ghaz-zwieg ta’ bejn il-partijiet kien vizzjat.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Att taz-Zwieg. Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat hlief ghal dawk relattivi mal-kuraturi deputati li ghandhom jigu mhallsa provizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------